

# Knisja ddedikata lil San Xmun Appostlu fil-Wardija

Tagħrif miġbur minn Keith Muscat

Fl-inħawi ta' bejn Burmarrad u ż-Żebbiegħ insibu wied Qannotta, li jġib ismu mill-qasab li kien hemm f'dawn l-inħawwi. Dan l-inħawwi kienu popolari ħafna għall-kaċċa u l-Gran Mastru Perellos bena hawn palazz li ħa l-isem tal-post – 'Palazz Qannotta'. L-art li fuqha nbena l-palazz hija magħrufa bħala l-Andar ta' San Xmun u tifforma parti minn Ġnien il-Qinċ, li kien propjeta tal-istess kappella. Skond l-atti tan-Nutar Gio Marija Felice, din l-art ġiet mikrija mill-Baruni Inguanez.



*Dehra tal-knisja fis-snin sebgħin*

Din ma hijiex l-ewwel knisja li kien hemm fl-inħawi. Mill-vista pastorali li l-Isqof Baldassare Cagliares għamel fl-1616 jirrizulta li l-knisja ddedikata lil San Xmun u lil San Ġuda Taddew, wisq porbabbli mibnija matul is-Seklu Sittax, kienet ġie ddesakrata. Il-pittira titulari ta din il-knisja kienet ittieħdet fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u r-rettur kellhu l-obbligu li jiċċelebra erba' quddisiet fil-festi ta San Xmun u San Ġuda Taddew.

Il-Knisja li naraw illum, li tesa' madwar sittin ruħ, mibnija fuq stil Neo-Gotiku, ġiet imbierka minn Dun Feliċ Cutajar, Delegat tal-Vigarju, nhar it-22 ta' April 1868. F'pajjiżna ftit niltaqaw ma knejjes mibnijin fuq dan l-istil. Din il-knisja hija ġuspatronat tal-familja Depiro Gourgon li huma s-sidien tal-palazz. Il-pittura titulari li fiha naraw lil San Xmun Appostlu hija xogħol ta Salvu Micallef. Fuq kull naħa tal-faċċata, fil-kantuniera, fuq nofs kolonna ta' stil Korintu, hemm żewġ niċċeċ li fihom kien hemm statwa ta San Pietru u San Pawl. F'nofs il-faċċata hemm basso riljiev tal-Madonna b'Ġesu tarbija f'idejha. B'xorti tajba dan il-basso riljiev għadu fil-post. Mhux l-istess jista jingħad għall- ħawt tal-magħmudijiet li kien jinsab barra l-bieb prinċipali. Dan il-ħawt, li skond it-tradizzjoni kien il-fonti li fih San Pawl għammed lil San Publiju, jidher li tneħħa mill-post. Hija ħasra li b'dan il-ġest tlifna parti mit-tradizzjoni Pawlina fil-lokalita' tagħna. Din il-kappella ila magħluqa sa mill-aħħar gwerra. Dan il-ġojjell arkitettoniku u post ta tradizzjoni qed jitħalla għal rajh bil-konsegwenza li qed issir ħsara. L-appell tagħna hu li min hu responsabbli minn din il-propjeta' jieħu ħsieb il-manteniment ta' dan il-wirt storiku, qabel ikun tard wisq.

*Referenzi: San Pawl il-Baħar – A Guide – Eugene Paul Teuma / Frans Scerri – 2003*
*Noel Ciantar – San Xmun l-Imħeġġeġ – Wardija, l/o S. Pawl il-Baħar - http://www.kappellimaltin.com/Il-Kappelli/Sett18/SPB_S_Xmun_l-Imheggeg/spb_s_xmun_l-imheggeg.html*